# SAN ĠUŻEPP ...KOMPATRUN TAX-XAGĦRA



Illum il-Ħadd 3 ta' Mejju 2009 qed niċċelebraw il-festa tal-Kbir Patrijarka San Ġużepp li huwa x-xempju tal-missirijiet. Il-missirijiet tal-lum għandhom jixbhuh fil-ħajja tal-familja, billi jedukaw sewwa lil uliedhom. San Ġużepp ma ġiebx fid-dinja lil Ġesù, imma kien il-veru missier bl-edukazzjoni li tah.

**PROGRAMM: Fil-5.00pm:** Pontifikal Solenni mmexxi mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi Isqof Emeritus bil-prietka tal-okkażjoni. Tiġi segwita l-Quddiesa "San Antonio" tas-Surmast Nazzarenu Refalo. Bis-sehem tas-solisti u l-Kor Marija Bambina. Il-kor u l-orkestra ikunu taħt id-direzzjoni tas-Sur Ronald Camilleri. **7.00pm:** Ħruġ tal-purċissjoni li tgħaddi minn Triq 28 t'April 1688, San Ġużepp u Triq Knisja. Nattendu numerużi għall-purċissjoni u nieħdu sehem fit-talb. Nagħlqu ċ-ċelebrazzjoni bil-Barka Sagramentali. Tħallux karozzi jew oġġetti li jostakolaw is-serjetà tal-purċissjoni.

## *Jum il-Vokazzjonijiet*

Illum fil-Knejjes kollha qed jiċċelebraw Jum il-Vokazzjonijiet. Qed niġu msejħa biex nitolbu ħafna għall-Vokazzjonijiet. Nilqgħu għalhekk is-sejħa ta' Ġesù li qalilna nitolbu lill-Missier biex jibgħat aktar ħaddiema fil-għalqa tiegħu, u ningħaqdu mar-Rgħajja Spiritwali tagħna f'dan il-jum ta' talb biex Alla jagħżel nies u jsejħilhom biex ikunu xandara u ħabbara.

### Ix-Xahar tal-Madonna

Bdejna ix-xahar iddedikat lil Ommna Marija. Għalhekk hija ħaġa xierqa li fid-dar tagħna npoġġu f'post prominenti x-xbieha tagħha, u quddiemha ngħidu bil-qalb it-talba tar-Rużarju. Familja li titlob flimkien tibqa' flimkien.

**Nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju** jibdew l-Erbgħat tal-Madonna. Fit-3.30am jitlaq pellegrinaġġ bil-mixi għas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, u lura jkun hemm it-trasport. Fl-4.30am, fil-5.30am, u fil-5.00pm ikun hemm trasport lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu u lura.

### San Ġorġ Preca

Ser tinġieb Għawdex ir-Relikwa tad-Demm ta' San Ġorġ Preca u ser tkun esposta għall-qima tal-pubbliku fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, taċ-Ċawla mill-Ġimgħa 1 ta' Mejju sal-Ġimgħa 8 ta' Mejju, meta tittieħed lura Malta waqt Pellegrinaġġ Djoċesan. Il-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb tkun miftuħa kuljum mis-6.00am san-12.00pm u mill-4.00pm sat-8.00pm. Dawk li jixtiequ jiġu l-Pellegrinaġġ Djoċesan nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju jaħsbu għall-biljetti għax-xarabank mingħand il-membri tal-M.U.S.E.U.M. Nitilqu mal-vapur tal-4.30pm u niġu lura mal-vapur tad-9.15pm.

### Preparazzjoni għall-Magħmudija

Ser jibda l-kors ta' tagħlim għall-ġenituri li ser ikollhom Magħmudija fis-7 xhur li ġejjin. Il-ġenituri huma mitluba li jmorru jinkitbu din il-ġimgħa fl-Uffiċċju Parrokkjali.

### Song Festival Marjan

Din is-sena l-Leġjun ta' Marija ser jorganizza s-Song Festival Marjan nhar is-Sibt 9 ta' Mejju 2009 fl-Oratorju Don Bosco u jibda fis-7.00pm. Biljetti jinkisbu mill-Post tal-Leġjun Victoria fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa tal-Festival bejn il-5.00pm u s-6.00pm.

### Appuntamenti

- Novena lill-Ispirtu s-Santu bi tħejjija għal Għid il-Ħamsin (mill-Ħamis 21 sal-Ġimgħa 29 ta' Mejju)
- Konsagrazzjoni tal-Knisja t-Tlieta 26 ta' Mejju. Jum it-Tifkira tal-131 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Bażilika.
- Ġimgħa Pawlina fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina (mill-Ħadd 24 ta' Mejju sal-Ġimgħa 29 ta' Mejju).
- Velja Djoċesana ta' Pentecoste fil-Parroċċa tax-Xagħra nhar is-Sibt 30 ta' Mejju mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. L-istudenti li ser jirċievu il-Griżma tal-Isqof huma obligati li jattendu għal din il-Velja.